MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 630/1998/1

**Mid Med Bank plc gia` Mid Med Bank Limited, illum HSBC Bank Malta plc**

**v.**

**Concrete Mix Limited, A Montebello Limited, Anthony Montebello proprio, u Maria Dolores, mart l-istess Anthony Montebello**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-Bank attur li tghid hekk:
"Peress illi s-socjeta` attrici pprovdiet lis-socjeta` konvenuta Concrete Mix Limited servizz bankarju

konsistenti f'self ta' flus fuq "ovedraft facility" fuq "current account" permezz ta' kuntratt datat 23 ta' Mejju 1988, fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, li kopja qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok "A".

"Peress illi skond l-istess kuntratt, is-socjeta` konvenuta A Montebello Limited flimkien mal-konvenuti Anthony Montebello proprio u Maria Dolores mart l-istess Anthony Montebello, dahlu bhala garanti ghall-obbligi assunti mis-socjeta` konvenuta Concrete Mix Limited bil-gid taghhom kollu prezenti u futur.

"Peress illi d-debituri, fuq talba tal-Bank attrici, naqsu illi jhallsu lura s-self maghmul u ghalhekk illum huwa dovut il-bilanc ta' Lm206,053.65 (mitejn u sitt elef u tlieta u hamsin Lira Maltin u sitta u hamsin centezmu) bl-imghaxijiet relattivi mit-22 ta' Marzu, 1997.

"Peress illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Settembru 1997, huma baqghu inadempjenti.

"Peress illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili, stante li fil-fehma tas-socjeta` esponenti l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni x'jaghtu kontra t-talbiet tas-socjeta` esponenti.

"Jghidu l-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din il-Qorti:

"1) tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, b'dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

"2) tikkundannahom ihallsu s-somma ta' Lm206,053.65, rapprezentanti l-bilanc dovut bhala "overdraft" fuq il-kont kurrenti ta' Concrete Mix Limited.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Settembru 1997, u bl-imghax mit-22 ta' Marzu 1997, sa l-

effettiv pagament kontra l-konvenuti ingunti minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Mejju 1998, li in forza tieghu laqghet talba tal-konvenuti u tathom ghoxrin jum biex jipprezentatw l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Concrete Mix Ltd, A Montebello Ltd, u Anthony Montebello proprio li in forza taghha eccepew illi:
"1. Illi fl-ewwel lok il-Bank attur irid jipprova li huwa assuma l-obbligi u d-drittijiet tal-Mid-Med Bank Limited u fid-drittijiet akkwiziti hemm kompriz il-kreditu mertu tal-kawza odjerna;

"2. Illi jekk kien hemm cessjoni ta' drittijiet irid jigi ppruvat li gew segwiti l-formalitajiet rikjesti minn Artikolu 1470 tal-Kodici Civili;

"3. Illi kull garanzija moghtija minn Maria Dolores Montebello kemm jekk f'att Notarili jew mod iehor hija nulla u m'ghandha ebda validita` fil-ligi u dan stante li meta pprestat tali garanzija personali ma gietx segwita l-procedura tal-ligi prevalenti fil-mumenti tat-transazzjoni u cioe` l-Artikolu 1933 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju;

"4 Illi, fil-meritu jrid jigi specifikat liema parti mis-somma mitluba hija kapital u liema imghax u dan stante li l-Bank attur ikkalkola imghaxijiet fuq l-imghaxijiet u di piu` l-kapital mitlub irid jigi ridott ghax irdoppja jew ghax mhux dovut daqs kemm qieghed jitlob il-Bank in kwistjoni.

"5. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Doris Montebello li in forza taghha eccepiet illi:
"1. In-Nullita` ta' kull garanzija moghtija minnha personalment stante li din qatt ma giet preceduta mill-awtorizzazzjoni tas-Sekond Awla skond il-ligi.

"2. Illi hija tassocja ruhha fil-mertu ma' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut."

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta Doris Montebello li tghid hekk:
"Premess illi s-socjeta` attrici pprovdiet lis-socjeta` konvenuta Concrete Mix Limited servizz bankarju konsistenti f'self ta' flus fuq "overdraft facility" fuq "current account" permezz ta' kuntratt datat 23 ta' Mejju 1988, fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon;

"Premess illi skond l-istess kuntratt, il-konvenuta flimkien mas-socjeta` konvenuta l-ohra A. Montebello Limited u Anthony Montebello proprio kkostitwiet ruhha garanti solidali ghall-obbligi assunti mis-socjeta` konvenuta Concrete Mix Limited u dan bil-gid taghha kollu prezenti u futuri u dan in virtu` ta' kuntratt notarili datat 23 ta' Mejju 1988 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon;

"Premess illi l-konvenuta assodat din il-garanzija permezz ta' "guarantee forms" provduti mill-bank rispettivament datati 23 ta' Mejju 1988 u 8 ta' Ottubru 1992, id-dokumenti fuq imsemmija flimkien mal-kuntratt notarili sudett kollha esebiti risepttivament bhala Dok. A, Dok D u Dok E mac-citazzjoni promatrici;

"Premess illi meta l-konvenuta Maria Dolores Montebello tat il-garanziji sudetti kemm dik fl-att notarili sudett u anke fil-"guarantee forms" imsemmija ghamlet dan minghajr qabel ma kienet awtorizzata mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili u dan bi ksur ta' l-Artikolu 1933 tal-Kodici Civili;

"Premess li l-mara kienet effettivament qieghda tagixxi ta' garanti ghal zewgha l-konvenut l-iehor Anthony Montebello;

"Premess ghalhekk illi l-garanziji sudetti moghtija mill-konvenuta Maria Dolores Montebello huma ghal kollox nulli u m'ghandhom ebda effett fil-ligi;

"Jghid ghalhekk il-Bank attur ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

"1. tiddikjara li l-garanziji moghtija mill-konvenuta Maria Dolores Montebello a favur u flimkien mal-konvenuti l-ohrajn fil-kuntratt notarili tat-23 ta' Mejju 1988, u fil-"guarantee forms" provduti mill-Bank attur rispettivament datati 23 ta' Mejju 1988 u 8 ta' Ottubru 1992, huma nulli u m'ghandhom ebda effett fil-ligi;

"Bl-ispejjez u bil-bank attur minn issa ingunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-bank attur ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
"Preliminarjament in-nullita` ta' l-azzjoni rikonvenzjonali tal-konvenuta, stante li ma hemm ebda indikazzjoni fl-istess azzjoni la ta l-ismijiet tal-partijiet fil-kawza, u lanqas ta' quddiem liema Qorti tali azzjoni qieghda tigi trattata, u ghalhekk ghandha tigi sfilzata mill-atti tal-process ta' din il-kawza.

"Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni rikonvenzjonali hija assolutament infondata sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt, stante li l-garanzija moghtija mill-istess konvenuta hija fil-konfront ta' socjeta` kummercjali, u mhux fil-konfront ta' zewgha, il-konvenut l-iehor Anthony Montebello proprio, u ghalhekk l-Artikolu 1933 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa ghal kollox inapplikabbli f'dan il-kaz in ezami."

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tas-17 ta' Mejju 2000, li in forza taghha s-socjeta` attrici cediet il-kawza fil-konfront tas-socjetajiet Concrete Mix Ltd. u A Montebello Ltd.;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tal-20 ta' Settembru 2002, li in forza taghha ghamlet is-segwenti dikjarazzjoni:
"Li biha tinforma lil din l-Onorabbli Qorti li l-meritu ta' din il-kawza jinsab ezawrit stante pagament a saldu fil-mori tal-kawza u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti qieghda tintalab tghaddi ghas-sentenza a rigward biss tal-kap ta' l-ispejjez,

liema spejjez ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenuti, kif del resto l-konvenuti Concrete Mix Limited u A. Montebello Limited diga` obbligaw ruhhom li jaghmlu permezz tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Robert Muscat tas-6 ta' Ottubru 1999 (ara t-tielet paragrafu ta' l-ahhar pagna) kopja ta' liema kuntratt gietipprezentata permezz ta' nota tas-socjeta` attrici tas-17 ta' Mejju, 2000.

"Illi ai fini tal-verbali tal-11 ta' Mejju 2001, u tat-18 ta' Jannar 2000, jigi rilevat li l-mertu tan-nota ta' l-eccezzjonijiet u tan-nota ta' l-osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici jinsabu ormai ezawriti."

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2002, fejn is-socjeta` attrici pprecizat illi ntlahaq ftehim ukoll dwar l-ispejjez mal-konvenuti kollha hlief mal-konvenuta Maria Dolores Montebello, u ntalab illi tinghata sentenza dwar l-ispejjez fil-konfront ta' din il-konvenuta biss;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Frar 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
"wara li tiċħad ukoll it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà attriċi għall-kontro-talba, tilqa’ l-kontro-talba u tgħid illi l-garanziji mogħtijia mill-konvenuta kemm bis-saħħa ta’ l-att notarili tat-23 ta’ Mejju 1988 kif ukoll bil-*guarantee forms* tat-23 ta’ Mejju 1988 u tat-8 t’Ottubru 1992, ma jiswewx.

"Ladarba t-talbiet tas-soċjetà attriċi kontra l-konvenuta Montebello huma mibnija fuq il-premessa illi l-konvenuta tat garanzija li tiswa, dawk it-talbiet ma jistgħux jintlaqgħu u huma miċħuda.

"L-ispejjeż, kemm dawk tal-kawża ewlenija kif ukoll tar-rikonvenzjoni (ħlief dawk li dwarhom sar ftehim bejn l-attriċi u l-konvenuti l-oħra), għandha tħallashom is-soċjetà attriċi."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Sabiex tingħata deċiżjoni dwar l-ispejjeż ġudizzjarji quddiem il-konvenuta Montebello, li kienet imħarrka bħala garanti, irridu naraw jekk il-garanzija mogħtija minn din tiswiex jew għandhiex tiġi mħassra, kif qiegħda titlob fir-rikonvenzjoni. Qabel ma nwieġbu għal din il-mistoqsija, iżda, irridu naraw jekk ir-rikonvenzjoni saritx sew.

"Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha għar-rikonvenzjoni, is-soċjetà attriċi tgħid illi r-rikonvenzjoni ma tiswiex għax "ma hemm ebda indikazzjoni fl-istess azzjoni la ta' l-ismijiet tal-partijiet u lanqas ta' quddiem liema qorti tali azzjoni qiegħda tiġi trattata"[1].

"Is-soċjetà attriċi ressqet din l-eċċezzjoni għax fuq il-karta li fuqha tniżżlu l-premessi tar-rikonvenzjoni u l-kontro-talbiet, ma hux muri l-isem tal-qorti u lanqas l-*occhio* tal-kawża bl-ismijiet tal-partijiet.

"Dawn il-partikolaritajiet, iżda, huma miġjuba fin-nota ta' eċċezzjonijiet. Lis-soċjetà attriċi dehrilha li kellhom jerġgħu jinġiebu għax dehrilha illi l-kontro-talbiet isiru b'att ieħor, għalih, u mhux fl-istess nota ta' eċċezzjonijiet. Il-liġi iżda trid illi r-rikonvenzjoni ssir fin-nota ta' eċċezzjonijiet stess, u mhux f'att ieħor għalih. Dan joħroġ ċar mill-art. 398 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

"**398.** (1) Il-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni, għandu jagħmel il-kontro-talba tiegħu <u>fin-nota ta' eċċezzjoni</u>, meta l-proċedimenti jkunu b'ċitazzjoni, jew fir-risposta bil-miktub għar-rikors meta l-proċedimenti jkunu b'rikors.

" (2) Il-kontro-talba għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali li jsiru kif meħtieġ bil-liġi; u l-konvenut għandu, dwar il-kontro-talba jħares, kemm jista' jkun, ir-regoli stabbiliti b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew.

---

1 *Fol.* 38.

" (3) Meta l-proċedimenti jkunu b'ċitazzjoni, kontro-talba magħmula f'nota ta' eċċezzjoni tkun tiswa daqs preżentata ta' ċitazzjoni dwar dik it-talba, li għandha tiġi notifikata lill-attur, li għandu jipproċedi daqs li kieku kien il-konvenut dwarha; u f'kull każ bħal dan, l-għeluq tal-proċedimenti preliminari bil-miktub u l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 151 u 152 għandhom jibdew mal-preżentata ta' dik in-nota ta' eċċezzjoni mill-attur jew malli jagħlaq iż-żmien għall-preżentata tagħha.

"Billi ma hemmx in-nuqqasijiet li qiegħda tara s-soċjetà attriċi, l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa'.

"Ngħaddu issa biex inqisu t-talba tal-konvenuta Montebello biex il-qorti tgħid illi l-garanzija mogħtija minnha ma tiswiex għax ma tħarsux il-formalitajiet li kienet trid il-liġi fiż-żmien meta ngħatat. L-Art. 1933 dak iż-żmien kien igħid hekk:

" **1933.** Il-pleġġerija magħmula mill-mara għal obbligazzjoni ta' żewġha, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti, ma tiswiex.

"Dan ifisser illi mara miżżewġa setgħet, ukoll mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' żewġha, tidħol garanti ta' ħaddieħor li ma jkunx żewġha; setgħet ukoll tidħol garanti flimkien ma' żewġha, basta żewġha ma jkunx id-debitur ewlieni[2]. Fil-każ tal-lum il-konvenuta hija garanti, flimkien ma' żewġha l-konvenut l-ieħor Anthony Montebello u mas-soċjetà konvenuta *A. Montebello Limited*, tad-dejn tas-soċjetà konvenuta l-oħra *Concrete Mix Limited*. Żewġ il-konvenuta huwa biss garanti flimkien magħha ta' dejn ta' terzi u għalhekk, *prima facie*, ma jidhirx illi l-każ kien jintlaqat bl-Art. 1933 tal-Kodiċi Ċivili.

"Madankollu, l-Art. 1933 tal-Kodiċi Ċivili, qabel ma kien imħassar bl-Art. 83 ta' l-Att XXI ta' l-1993, kien maħsub biex iħares l-interessi tan-nisa miżżewġa b'mod illi l-kunsens tagħhom waħdu, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-

[2] Ara **Giuseppe Mamo *et versus* Gius. Mifsud *et***, App. ~iv. 14 ta' Mejju 1920, XXIV-I-536.

qorti, ma kienx biżżejjed biex jintrabtu b'garanzija għal dejn ta' żwieġhom. Din kienet dispożizzjoni ta' *ius cogens* u għalhekk il-partijiet ma setgħux jaħarbu minnha. Għal din ir-raġuni, għalkemm fil-każ tal-lum id-debitur ewlieni ma hux żewġ il-konvenuta iżda hija soċjetà, li għandha personalità ġuridika magħżula minn dik ta' l-azzjonisti u tad-diretturi tagħha, il-qorti għandha d-dmir illi tara jekk fis-sewwa s-soċjetà hijiex *alter ego* ta' żewġ il-konvenuta, b'mod illi s-self lis-soċjetà huwa self lil żewġ il-konvenuta "maskerat" bħala dejn lil terza persuna. Li kieku l-qorti ma kellhiex din is-setgħa, il-partijiet kienu jkunu jistgħu jegħelbu dak li kienet trid il-liġi billi jinqdew bl-istrataġemma li dejn tar-raġel ipinġuh bħala dejn ta' persuna morali.

"L-ishma fis-soċjetà *Concrete Mix Limited*, id-debitriċi ewlenija, fiż-żmien relevanti kienu mqassma hekk: Anthony Montebello kellu sehem wieħed (1) u s-soċjetà *A. Montebello Limited* kellha disgħa u sebgħin elf, disa' mija u disgħa u disgħin (79,999) sehem. Anthony Montebello kien direttur waħdieni. L-ishma f'*A. Montebello Limited* kienu mqassma hekk: Anthony Montebello kellu disgħa u sebgħin elf, disa' mija u disgħa u disgħin (79,999) sehem u Doris Montebello kellha sehem wieħed (1). Ta' din is-soċjetà wkoll Anthony Montebello kien direttur waħdieni.

"Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, ma jista' jkun hemm ebda dubju illi *Concrete Mix Limited* kienet effettivament *alter ego* ta' Anthony Montebello, u meta l-konvenuta daħlet garanti ta' dejn ta' dik is-soċjetà kienet qiegħda, fis-sewwa, tagħmel tajjeb għal dejn ta' żewġa bla ma qabel kisbet l-awtorizzazzjoni ta' qorti kif kien irid dak iż-żmien l-art. 1933 tal-Kodiċi Ċivili.

"Il-garanzija għalhekk ingħatat bi ksur tal-liġi u ma tiswiex.

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` HSBC Bank Malta plc li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, u minflok taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

"(1) tiddikjara illi f'kaz ta' garanzija moghtija minn mara mizzewga ghal facilitajiet akkordati lil socjeta` kummercjali, qatt ma hemm bzonn illi tintalab l-awtorizzazzjoni tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili jew tal-Qorti Civili - Sezzjoni Volontarja;

"(2) tiddikjara illi wara l-abrogazzjoni ta' l-Artikolu 1933 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma hemm l-ebda gustifikazzjoni li tali garanzija tigi annullata fi proceduri illi gew intavolati wara d-data ta' promulgazzjoni ta' l-abrogazzjoni in kwistjoni;

"(3) konsegwentement tichad il-kontro-talba tal-konvenuta appellata Maria Dolores Montebello fl-intier taghha, bl-ispejjez tal-kontro-talba kontra l-istess konvenuta appellata;

"(4) tilqa' it-talba tas-socjeta` appellanti ghall-kundanna tal-hlas ta' l-ispejjez tal-kawza ewlenija fil-konfront tal-konvenuta appellata Maria Dolores Montebello;

"Bl-ispejjez ta' dina l-istanza kontra l-konvenuta appellata Maria Dolores Montebello."

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenuti Concrete Mix Ltd., A. Montebello Ltd., u Anthony Montebello proprio li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, osservaw li, f'kull kaz, ma ghandhomx ibatu l-ispejjez - kollha jew parti minnhom - ta' dan l-appell:

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-bank attur kien qed jitlob minghand is-socjeta` konvenuta Concrete Mix Ltd, bhala debtrici principali, u minghand il-konvenuti l-ohra bhala garanti, ir-radd ta' flus mislufa *b'overdraft facility*. Wara li sar il-hlas tas-sorte u sar ftehim dwar l-ispejjez, il-kawza giet ceduta fil-konfront tas-socjetajiet Concrete Mix Ltd. u A.

Montebello Ltd;  gie dikjarat li mal-konvenut Anthony Montebello proprio sar ftehim mieghu wkoll dwar l-ispejjez tal-kawza.  Li baqa' mhux determinat kienet il-kwistjoni sollevata mill-konvenuta Doris Montebello li l-garanzija li hi kienet tat kienet nulla peress li nghatat bi ksur ta' l-Artikolu 1933 tal-Kodici Civili kif kien fiz-zmien li hi dahlet garanti ghall-facilita` mehuda mis-socjeta` Concrete Mix Ltd.

Dak l-artikolu, fiz-zmien rilevanti, kien jiddisponi li l-garanzija li taghti mara "ghal obbligazzjoni ta' zewgha" ma tiswiex jekk tkun inghatat minghajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti kompetenti.  Issa, f'dan il-kaz, l-obbligazzjoni ma kenitx ta' zewg il-kovenuta, izda tal-kumpanija Concrete Mix Ltd.  L-ewwel Qorti xorta wahda ddikjarat li l-garanzija ma kenitx tiswa wara li stabbiliet li nghatat minghajr awtorizzazzjoni u li l-kumpanija kienet ta', u mmexxija minn, zewgha, u effettivament kienet l-*alter ego* ta' l-istess Anthony Montebello.  L-ewwel Qorti, ghalhekk, ordnat li l-ispejjez relatati ma' dik il-kwistjoni, kemm dawk tal-kawza ewlenija kif ukoll tar-rikonvenzjoni, ghandhom jithallsu mill-bank attur.

Il-bank attur appella mis-sentenza u argumenta li ladarba s-socjeta` Concrete Mix Ltd. ghandha personalita` guridika separata minn dak tal-membri taghha, dak l-artikolu ma kellux japplika peress li, bhala fatt u di diritto, l-obbligazzjoni principali ma kenitx tar-ragel tal-konvenuta Doris Montebello.

Is-socjeta` attrici, fl-appell taghha, ghamlet enfasi fuq il-personalita` guridika distinta ta' kull kumpanija kummercjali registrata kif trid il-ligi, u li, skond id-duttrina Ingliza segwita fil-gurisprudenza lokali, gew permessi *inroads* f'din id-duttrina (biex ikun hemm il-*lifting of the corporate veil*) meta jkun hemm abbuz mill-personalita` guridika a hsara tal-kredituri, u ma giet qatt ammessa tali *inroad* biex jigu ppregudikati l-interessi tal-kredituri.  Intqal, fil-fatt, fil-ktieb **The Company Lawyer** (Vol. 21, No. 10, "Sweet & Maxwell", Ediz 2000) illi:

*"Since the Salomon case, the maxim that a company is a legal person in the eyes of the law, quite distinct from the*

*individuals who are its members, has been assiduously followed. The principle applies as much to a one-person company, where a sole director may own all the shares of, and have control over, the business, as to a group of companies. A separate corporate legal entity is seen as a desirable foundation for company law, inducing investment, encouraging trade and therefore stimulating wealth creation. Creditors may be exposed to the transferred risk, but on balance, society will gain. If however, the veil of incorporation is used to facilitate wrongdoing, this behaviour will not result in a benefit for society. Consequently, under statute and less often under common law, the veil of incorporation has been lifted in order first to identify and then to fix liability on shareholders/directors of a company. By doing this, the separate legal identity of the company is not being questioned, it is merely that liability is being switched."*

Dan jista' ikun minnu, pero`, f'dan il-kaz, l-ewwel Qorti ma pprocedietx to *lift the company veil*. Il-Qorti, skond is-socjeta` appellanti, kellha quddiemha biss l-Artikolu 1933 tal-Kodici Civili kif kien fiz-zmien tal-garanzija in kwistjoni, u semplicement ipprocediet biex tinterpreta dak l-artikolu. L-ewwel Qorti ma dahlitx fid-duttrina li tirregola l-personalita` guridika distinta tal-kumpanija, izda qalet li meta l-kumpanija tkun, fil-fatt, in-negozju ta' ragel mizzewweg, dik il-kumpanija tkun l-*alter ego* tar-ragel u ghall-fini ta' l-Artikolu 1933, jekk il-mara tkun mitluba taghti garanzija ghal xi dejn li tkun se tiehu dik l-istess kumpanija, kienet mehtiega l-awtorizzazzjoni tal-qorti kompetenti.

Din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb u ragunament tas-socjeta` appellanti. Wiehed irid jiftakar li l-Kodici Civili taghna huwa mibni fuq stil kontinentali u Ruman, fejn il-legislatur jesponi biss il-principju generali, u sta imbaghad ghall-guristi u l-qrati biex jinterpretaw dak il-principju skond ic-cirkostanzi tal-kaz u l-izvilupp taz-zminijiet. L-istil legislattiv tal-pajjizi generalment indikati bhala "*common law countries*" hu li jkopri fir-regola, b'diversi espressjonijiet, kull sitwazzjoni immaginabbli, b'mod li fejn kaz mhux kopert, allura dik ir-regola ma tapplikax. Mhux

l-istess hu l-istil tal-kodicijiet principali tas-sistemi legali ta' dawk il-pajjizi, fosthom Malta, maghrufa bhala "*civil law countries*" fejn fihom insibu enuncjat b'mod generali l-principju applikabbli, izda sta ghall-qrati jipprovdu ghall-interpretazzjoni dejqa jew wiesgha skond l-izvilupp dottrinali u gurisprudenzjali (ara, per ezempju, it-tifsira tal-kelma "kreditur" fil-kuntest ta' l-*actio pauliana*).

F'dan il-kaz, l-iskop tal-ligi kien biex jipprotegi lil mara mizzewga mill-imposizzjonijiet ta' zewgha, u dan fiz-zmien meta r-ragel kien meqjus bhala il-"kap u padrun" tal-familja, u fejn anke socjalment il-mara kellha stat "inferjuri" ghal dak ta' zewgha. Issa, hu ovvju li jekk il-ligi riedet tipprotegi lil mara mizzewga kontra "*undue influence*" minn zewgha meta dan ikun personalment dahal ghal xi obbligazzjoni, il-htiega ta' din il-protezzjoni ma tigix nieqsa ghas-semplici fatt li l-obbligazzjoni assumietha kumpanija kompletament tar-ragel taghha. Il-htiega ta' protezzjoni ghandha tapplika *per equipollens* anke meta l-obbligazzjoni ma tkunx "ta' zewgha", izda ta' entita` li *de facto* hija l-*alter ego* ta' l-istess ragel.

Sa hawn, mela, din il-Qorti taqbel ma' dak li osservat l-ewwel Qorti. Fejn ma taqbilx huwa fejn l-ewwel Qorti qalet li, meta nghatat il-garanzija, il-kumpanija Concrete Mix Ltd. kienet, fil-fatt, l-*alter ego* ta' Anthony Montebello. Il-Qorti ezaminat l-*Articles of Association u l-Memorandum* ta' din il-kumpanija, u sabet li ma jirrizultax b'mod car li, f'dak il-perijodu, il-kumpanija kienet biss tas-Sur Montebello.

Fil-fatt jirrizulta li meta nholqot din is-socjeta`, Anthony Montebello ma kienx involut, u l-azzjonisti kienu diversi, fosthom l-ahwa Debattista, familja Vella, u ohrajn. Maz-zmien id-diversi persuni involuti, hlief l-ahwa Debattista, hargu mill-kumpanija, u fl-1981 il-kumpanija tista' tghid, kienet tal-familja Debattista, tant li d-diretturi kienu Charles, Paul, Joseph, u wara, Alfred, ahwa Debattista.

Fl-1983 jidher li beda l-inkwiet bejn l-ahwa Debattista u bdew jinfethu proceduri legali minn xi whud mill-ahwa kontra huthom l-ohra. Is-sitwazzjoni damet tkarkar

sakemm fit-30 ta' Marzu 1988, il-membri tal-familja Debattista rrizenjaw mill-kariga ta' diretturi, u inhatar minflok bhala direttur il-konvenut Anthony Montebello.

Din kienet is-sitwazzjoni meta gie ppubblikat il-kuntratt ta' *overdraft facility* u ta' garanzija fit-23 ta' Mejju, 1988. Hu probabbli li r-rizenja tad-diretturi Debattista u l-assunzjoni tad-direttorat minn Anthony Montebello sehh wara trasferiment tax-*shares* lill-istess Antonhy Montebello jew l-kumpanija tieghu, A. Montebello Ltd. Dan, pero`, ma jirrizultax mill-*file* relattiv u lanqas ma jirrizulta mill-provi meta sehh, jekk sehh, tali trasferiment. Dak li jirrizulta mill-provi, hu li Anthony Montebello sar direttur, izda mhux li l-kumpanija kienet tieghu. Kien biss bis-sahha ta' rizoluzzjoni straordinarja mehuda fis-6 ta' Settembru 1988 (u imdahhla fir-Registry of Partnerhsips fit-12 ta' Ottubru, 1988), li nbidel kollox fil-kumpanija, hlief l-isem, b'mod li kien jirrizulta li l-kumpanija saret ta' A. Montebello Ltd., kumpanija ta' Anthony Montebello.

Ghalhekk, ghal dak li jirrizulta ufficjalment mill-atti, ma jistax jinghad li, fit-23 ta' Mejju 1988, is-socjeta` Concrete Mix Ltd. kienet l-*alter ego* ta' Anthony Montebello. It-terzi ghandhom dritt jirregolaw ir-relazzjoni taghhom ma' kumpanija skond dak li jirrizulta mill-*Articles of Association* u l-*Memorandum* tal-kumpanija, u skond dan id-dokument, il-kumpanija ma kenitx ta' zewg il-konvenuta Doris Montebello. Jekk din kienet taf li zewgha kien gia` akkwista l-kumpanija f'Mejju tal-1988, u ma qalet xejn b'dan lill-bank attur, allura hija hatja ta' ingann u frodi fil-konfront ta' l-istess bank, ghal-liema agir tkun trid taghmel tajjeb billi thallas id-danni ekwivalenti ghall-flus mhux rekuperabbli mill-bank attur.

F'dan il-kaz, kif intwera, is-sorte thallas kollu u l-bank attur ma sofra ebda danni, pero`, kif svolgew l-affarijiet, ma setax jinghad li l-konvenuta kienet hielsa minn kull responsabbilita` fil-konfront tal-bank attur, u kwindi l-ispejjez relattivi ghall-involviment taghha fil-kawza ghandha tbatihom hi. Dan jghodd ukoll ghall-*guarantee forms* li hi ffirmat fit-23 ta' Mejju 1988 u fit-8 ta' Ottubru 1992, li kienu konsegwenzali u marbuta mal-kuntratt

ippubblikat fit-23 ta' Mejju 1988 min-Nutar Dottor Pierre Falzon.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-bank attur billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-2 ta' Frar 2006, minflok tiddeciedi li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici stante cessjoni u hlas tas-sorte fil-mori tal-kawza, izda, ghall-fini tal-kap ta' l-ispejjez, tiddikjara li l-garanziji moghtija mill-konvenuta Maria Dolores Montebello ma kienux nulli u/jew bla effett legali, u kwindi tichad il-kontro-talba taghha.  L-ispejjez in prim istanza (hlief dawk li dwarhom sar ftehim bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuti l-ohra) jithallsu mill-konvenuta Maria Dolores Montebello, filwaqt li dawk quddiem din il-Qorti ghandhom ukoll jithallsu mill-konvenuta appellata Maria Dolores Montebello, hlief dawk relatati ma' Concrete Mix Ltd. u A. Montebello Ltd., li ghandhom jithallsu mis-socjeta` attrici (peress li l-kawza fil-konfront taghhom kienet giet irtirata u ceduta quddiem l-ewwel Qorti).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------